# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 13**

**Rikors numru 524/14/2 SM**

**Cutrico Services Ltd (C-3517)**

**v.**

**Josef Penza**

**Il-Qorti:**

1. Fil-25 ta' Mejju, 2001, il-partijiet kienu kkonkludew kuntratt permezz ta' liema l-attriċi kienet aċċettat li tagħti *sponsorship* u taħriġ prattiku magħha lill-konvenut, li dak iż-żmien kellu sbatax-il sena u kien student f'Mikelang Sapaino Technical Institute fejn kien qiegħed jistudja biex jikseb *Air-conditioning and Refrigeration Certificate.* Il-konvenut ġie

impjegat mill-attriċi hekk kif spiċċa l-kors tiegħu u baqa' impjegat magħha sa' Ġunju 2013. Il-klawsola numru 7 tal-kuntratt ta' Mejju 2001 kienet timponi kondizzjoni fuq il-konvenut li waqt l-impjieg tiegħu u għal sentejn wara t-terminazzjoni tal-istess impjieg huwa ma setax, kemm għalih personali u kif ukoll in rappreżentanza ta' terzi, jinterferixxi ma' klijenti tal-attriċi jew jissolleċita klijenti tal-attriċi biex jitilqu lill-attriċi, u dan fil-każ li dan ikun klijent ta' / jew persuna li magħha kienet ġeneralment tinnegozja l-attriċi f'dawk is-sentejn immedjatament qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut. L-istess klawsola tipprospetta li f'każ ta' ksur ta' dan l-obbligu l-konvenut kellu jħallas bħala penali somma ekwivalenti għal salarju ta' sena, jew tas-salarju kurrenti, jew tas-salarju fl-ewwel sena ta' mpjieg mal-attriċi, skont liema jkun l-akbar. L-impjieg tal-konvenut ġie tterminat fl-10 ta' Ġunju, 2013, u l-attriċi premettiet li huwa kien għamel xogħol għal klijent li ma kienx għadu ħallasha dak kollu dovut, bi ksur tal-obbligi kontrattwali tiegħu u b'mod li ġiet hija preġudikata.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-intimat kiser l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' impjieg (Dok A) u ghalhekk
>
> 2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-societa attrici fl-ammont ta' euro 16,368.80 u
>
> 3. Tikkundanna lil intimat biex ihallas lis-societa rikorrenti l-ammont ta' euro 16,368.80 liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment. Bl-imghax legali. Illi l-intimat huwa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes."

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* (2) li l-kuntratt ta' mpjieg sar meta huwa kellu sbatax-il sena u għalhekk il-kawsola ndikata mill-attriċi mhijiex valida għaliex hu kien għadu taħt l-eta` meta ġie mġiegħel biex jiffirmaha, (3) li huwa ma kisirx il-kuntratt ta' mpjieg, (4) li l-klawsola numru 7 tal-kuntratt hija restrittiva tal-kummerċ ħieles u l-moviment ħieles tax-xogħol u tal-ħaddiema u għalhekk hija nulla u mhux operattiva, (5) li huwa ma kienx jaf li Keith Busuttil kien għadu jħallas lill-attriċi, u kien Busuttil stess li avviċinah peress li huwa ħabib tiegħu, (6) li ma wettaq l-ebda waħda mit-tliet materji li huma ndikati bħala projbiti fil-klawsola numru 7 u, (9) li l-attriċi ma sofriet l-ebda danni.

4. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Frar, 2017, ġie deċiż hekk:

> "19.0. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat ipprova r-raba' eccezzjoni minnu sollevata u konsegwentement:
>
> 19.1. Takkolji din ir-raba' risposta guramentata tal-intimat;
>
> 19.2. Tiddikjara li l-klawsola numru 7 tal-kuntratt t'impjieg datat il-25 ta' Mejju, 2001, hi nulla u minghajr effett;
>
> 19.3. Tirrespingi ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;
>
> 19.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti."

5. Is-soċjeta` attriċi preżentat l-appell tagħha fl-1 ta' Marzu, 2017, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

6. Il-konvenut preżenta r-risposta tal-appell tiegħu flimkien ma' appell inċidentali fil-21 ta' Marzu, 2017, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha safejn laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tiegħu filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu, u tiċħad it-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi, u b'kundanna ta' spejjeż doppji.

7. Is-soċjeta` attriċi, minkejja li ġiet debitament notifikata bl-appell inċidentali tal-konvenut fit-23 ta' Marzu, 2017, ma ressqet l-ebda risposta għall-appell inċidentali.

**Ikkonsidrat;**

**L-appell prinċipali**

8. L-attriċi ressqet aggravju wieħed fl-appell tagħha permezz ta' liema tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet eżami superfiċjali tal-klawsola numru 7 tal-kuntratt in kwistjoni, mingħajr ma kkonsidrat punti importanti dwar il-kuntratt bejn il-partijiet u dwar il-fatt li waqt l-impjieg tiegħu l-konvenut kellu relazzjoni ta' xogħol ma' persuna li eventwalment ħadem miegħu wara t-terminazzjoni tal-impjieg. Targumenta li f'materja kuntrattwali l-ftehim hu l-liġi bejn il-partijiet u għalhekk meta jiġi vjolat xi patt espress

dan jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali li timporta l-ħlas ta' danni jew tal-penali previsti. Tgħid li jekk kuntratt jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kodiċi Ċivili ma jistax jiġi dikjarat null u bla effett għaliex tali kuntratt ikun qiegħed jirrifletti l-volonta leġittima tal-kontraenti, liema volonta hija suprema. Iżżid li l-klawsola in kwistjoni tipproteġi l-investiment li hija għamlet fl-impjegati u fil-klijenti, u mhijiex kontra l-interess pubbliku, iżda hija raġonevoli billi la hija eċċessiva fid-durata u lanqas fl-ammont, u ġiet maqbula b'mod liberu bejn il-partijiet. Tgħid li l-konvenut ma ġabx provi li din il-klawsola kienet kontra xi *public policy* u li mhuwiex minnu li l-klawsola mhijiex speċifika biżżejjed.

9. L-appellat jirribatti li l-attriċi rrakkontat il-fatti tal-każ fir-rikors tal-appell tagħha b'mod malizzjożament skorrett u niexef, b'pika kontra "zagħzugħ li telqu biex jipprova jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu." Jgħid li s-sentenza appellata hija korretta, u waqfet bl-aċċettazzjoni ta' eċċezzjoni waħda meta kien hemm raġunijiet biżżejjed biex tiċħad it-talbiet attriċi anke fuq eċċezzjonijiet oħra mogħtija minnu. Jgħid li hu evidenti li hu ma seraq l-ebda klijent tal-attriċi, ma għamel l-ebda *poaching* ta' klijenti, u kulma kien għamel hu li għen ħabib antik tiegħu biex iqabbad sistema li kienet diġa` ġiet mibjugħa u nstallata mill-attriċi.

10. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"9. Illi l-intimat jikkontesta l-validita` tal-klawsola numru 7 tal-kuntratt de quo, (ara foll 6 u 21)

10. Illi effettivament l-intimat jikkontendi li din il-klawsola hi wahda li hi restrittiva fuq il-kummerc hieles u fuq il-moviment hieles tax-xoghol u tal-haddiema;

11. Illi l-istess klawsola numru 7 tobbliga lill-intimat billi tistabbilixxi li dan, (ara foll 6 u 53)

> "... shall not ... for... his account or for any other person, firm or company, solicit or interfere or endeavour to entice away from the Company any person, firm or company who ... were customers of or in the habit of dealing with the Company ...";

Ikkunsidrat:

12. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet FirstUnited Insurance Brokers Limited vs. Farrugia Wismayer datata t-30 ta' Novembru, 2010, li ghaddiet in gudikat, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fir-referenza li taghmel ghall-awtur Norman Selwyn fil-ktieb tieghu Law of Employment (16th Edition 2011 – Oxford University Press), jinghad is-segwenti:

> "An employer is entitled to have a limited protection against an ex-employee dealing with existing customers for this is part of the goodwill which has been built up over the years. A convenant can restrict the right to solicit or endeavour to entice away former customers, or to have post-employment dealing such customers, but it is likely that such clauses should be limited to customers with whom the ex-employee had some dealings for otherwise the restraint is likely to be regarded as to be designed to prevent competition Marley Tile Co. Ltd. vs. Johnson – 1982 IRLR 75, CA)";

13. Illi jirrizulta li l-klawsola numru 7 in dizamina tikkostitwixxi restrizzjoni li testendi wkoll fuq il-klijenti tas-socjeta` rikorrenti li l-impjegat la kien jaf u lanqas kellu xi kuntratt maghhom tul l-impjieg tieghu mal-istess;

14. Illi f'dan ir-rigward l-istess Selwyn fuq riferit jghid hekk: "A restrictive covenant that prevents an employee from soliciting or accepting business from his former employer's customers will be unenforceable if it extends to customers with whom the employee personally had no dealings (WRN Ltd vs. Ayris – 2008 – EWHC 1080 (QB) – 2008 IRLR 889 – 2008 152(23) SJLB 29);

Ikkunsidrat:

15. Illi applikat l-insenjament fuq riprodott ghall-kaz odjern, in partikolari ghall-klawsola numru 7 hawn in dizamina, ghandu jirrizulta pacifiku li tali klawsola hi effettivament mifruxa a vaga wisq, u konsegwentement

ghandha titqies li tmur kontra d-dettami u l-principji tal-kompetizzjoni gusta kif sollevat mill-intimat;

16. Illi kif gie ritenut minn din l-istess qorti diversament preseduta fil-kawza fuq gia` citata, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel): “Fi kliem aktar car, kien jinkombi lill-principal li sabiex jassikura l-effikacja tal-klawsola de quo in relazzjoni mal-impjegat de quo li jkun specifiku u jabbina dik il-klawsola mal-klijenti li maghhom il-konvenut kellu relazzjonijiet fl-interess tal-principal”;

17. Illi minn ezami tar-rizultanzi riskontrati f'din il-procedura dan l-abbinament awspikat fil-paragrafu precedenti ma jirrizultax li sar stante li l-klawsola numru 7 hi wahda verament wiesgha u vaga – applikabbli wkoll ghall-klijenti li maghhom l-intimat ma kellu l-ebda relazzjoni maghhom meta kien impjegat tal-istess socjeta` rikorrenti;

18. Illi konsegwentement il-klawsola numru 7 ghandha titqies li hi minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

11. Dan l-aggravju jitratta l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-klawsola numru 7 tal-kuntratt tal-25 ta' Mejju, 2001, li hija tip ta' klawsola komunement magħrufa bħala “*in restraint of trade”* jew “*non-compete clause”* hija nulla. Kif jirriżulta mill-insenjamenti ċitati mill-Ewwel Qorti stess, u kif inhu aċċettat fil-ġurisprudenza nostrana, dawn it-tip ta' klawsoli mhumiex projbiti fis-sistema legali Maltija, basta li l-klawsola tkun waħda raġonevoli billi l-portata tagħha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-prinċipal.[1] L-Ewwel Qorti kkonsidrat il-klawsola numru 7 tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet bħala nulla għaliex mhijiex limitata għal dawk il-klijenti li l-

[1] Ara per eżempju: **Antonio Camilleri pro et noe Salvatore Sicurella** (Mag. 30/10/2019); **Mark Bugeja et vs Marvin Zammit** (Mag. 15/01/2020); **Alliance Yachting Company Limited vs Matthew Gusman** (PA, 14/10/2021).

konvenut kellu relazzjoni professjonali magħhom waqt li kien impjegat tal-attriċi, iżda għal dawk kollha li kienu klijenti tal-attriċi waqt l-aħħar sentejn tal-impjieg tiegħu. Din il-Qorti pero` ma taqbilx illi l-klawsola numru 7 hija nulla fl-intier tagħha.

12. Huwa ċar li b'mod ġenerali l-klawsola numru 7 hija pjuttost limitata u raġonevoli. Dan billi hija limitata għal (i) perjodu ta' sentejn wara t-tmiem tal-impjieg tal-konvenut, (ii) interferenza ma' klijenti tal-attriċi jew sollecitazzjoni tal-istess klijenti biex ma jibqux f'negozju mal-attriċi, u (iii) persuni/entitajiet li kienu klijenti jew li ġeneralment jagħmlu negozju mal-attriċi fl-aħħar sentejn tal-impjieg tal-konvenut. Huwa biss il-fatt li din il-klawsola testendi għal klijenti li l-konvenut ma kellux relazzjoni professjonali magħhom waqt l-impjieg tiegħu li huwa rraġonevoli, u dan kif fl-aħħar mill-aħħar ikkonsidrat anke l-Ewwel Qorti stess. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sejbien ta' nullita` kellu jkun limitat biss għal dik il-parti tal-klawsola li effettivament tmur oltre dak raġonevolment meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interess tal-attriċi, u ċioe` l-estensjoni tal-applikabilita` tal-klawsola għall-klijenti li l-konvenut ma kellux relazzjoni professjonali magħhom waqt l-impjieg tiegħu mal-attriċi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Eurosupplies Limited v. Paul Tihn** (Appell, 30/06/2021) fejn intqal illi:

> *"12. The first instance court considered the clause invalid in so far as it refers to time when defendant is no longer in plaintiff's employ because the clause is "unlimited in time". Although such a clause may indeed not validly be unlimited in time, nevertheless it may validly prohibit*

> *certain activities for a reasonable time after termination of employment. The clause can therefore only be considered as invalid to the extent that it prohibits those activities beyond a reasonable time.*
>
> *13. In the present case defendent was already in breach of his obligations while he was still in plaintiff's employ, and the episodes complained of which did not occur during defendant's period of employment were a continuation of his breach of obligations and occurred within a matter of weeks after termination, and such time cannot under the circumstances be considered as unreasonable.*
>
> *14. Nor does this court agree with the first instance court that clause 9 (the penalty clause) is not applicable to the present case. That clause prohibits the employee from setting up in the same line of business on his own behalf or as an employee of third parties within five years of termination. The breaches committed by defendant were the result of his engaging in the same line of business, either on his own behalf or in employment or partnership with others, when he was still employed with plaintiff or a short time thereafter, so that the clause in question is indeed applicable in the present case."*

13. Għalhekk, din il-Qorti tqis li safejn il-klawsola numru 7 titratta klijenti tal-attriċi li l-konvenut kellu relazzjoni professjonali magħhom waqt li kien impjegat tal-attriċi hija valida u torbot lill-partijiet, u dan bla ħsara għal kwalunkwe kwistjoni oħra ta' nuqqas ta' validita` li tressqet fir-risposta ġuramentata tal-konvenut.

14. Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament li l-kuntratt tal-25 ta' Mejju, 2001, huwa null *stante* li huwa kellu biss sbatax-il sena meta ffirmah. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, kif ukoll fl-argumentazzjoni tiegħu dwar din l-eċċezzjoni fl-appell inċidentali, huwa jsostni li l-kuntratt ta' apprendistat magħmul mal-ġenituri tiegħu mhuwiex validu wara d-data li fiha ntemmet l-istess *sponsorship.*

15. Skont l-Artikolu 31 (1) tal-Att XXVIII tal-1990, prinċipal għandu jagħmel ftehim bil-miktub ta' apprendist meta jimpjegah. It-tieni sub-inċiż tal-istess artikolu imbagħad iżid jgħid li meta dak l-apprendist ikun minorenni, l-apprendist jista' jintrabat kif stipulat fl-ewwel sub-inċiż biss bil-permess tal-ġenitur, jew bil-permess tad-Direttur jekk ma jkunx hemm ġenitur. Il-Qorti tirrileva li għalkemm il-konvenut jgħid li dan il-kuntratt kien ġie magħmul mal-ġenituri tiegħu jirriżulta li mhux biss il-konvenut huwa ndikat bħala parti fil-kuntratt, iżda wkoll li huwa ffirma l-istess kuntratt. Għalhekk huwa ċar li l-kuntratt sar mal-konvenut u mhux mal-ġenituri, kif *del resto* jaċċetta l-konvenut stess meta eċċepixxa n-nuqqas tal-validita` tal-kuntratt in vista tal-eta` tiegħu dak iż-żmien. Il-Qorti tosserva li kull paġna tal-ftehim tal-25 ta' Mejju, 2001, għandha firma A. Penza akkumpanjata bin-numru 824747 u M. Penza akkumpanjata bin-numru 203549. Flimkien mal-kuntratt imbagħad hemm kopja ta' karta ta' identita` ta' Andrew Penza, bin-numru 824747M u ta' Mary Penza, bin-numru 203549M, it-tnejn residenti fl-indirizz 21, Triq Anton Falzon, Luqa. Miċ-ċertifikat tal-kondotta esebit a *fol.* 56 tal-proċess hemm indikat li l-konvenut huwa iben Andrew Penza, u li dak iż-żmien kien jirrisjedi fl-indirizz 21, Triq Anton Falzon, Luqa. Minn dan kollu l-Qorti tifhem li l-firem A. Penza u M. Penza fuq il-kuntratt ta' Mejju 2001 huma l-firem ta' Andrew Penza u Mary Penza, u ċioe` l-ġenituri tal-konvenut. Il-Qorti tirrileva li l-preżunzjoni hija li l-kuntratti huma validi u magħmula skont il-liġi, u għalhekk jekk il-konvenut qiegħed jallega li l-kuntratt in kwistjoni

huwa aflitt minn difett li jinvalidah, kellu jkun hu li jressaq provi ċari u konklussivi sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni. Il-konvenut bl-ebda mod m'għamel dan, u anzi l-provi jindikaw li l-konvenut kellu l-kunsens tal-ġenituri tiegħu meta ffirma l-kuntratt mal-attriċi, *in vista* tal-firem tal-ġenituri tal-konvenut fuq kull paġna tal-kuntratt, u l-kopji tal-karti ta' identita` tagħhom annessi mal-istess kuntratt, u wkoll *in vista* tal-argument tal-konvenut stess li dan il-kuntratt ġie magħmul mal-ġenituri tiegħu u mhux miegħu. Inoltre, l-Qorti tirrileva li skont l-Artikolu 31 (3) tal-Att XXVIII tal-1990 apprendist li jintrabat b'kuntratt meta jkun taħt l-eta` jibqa' marbut bl-istess ftehim għat-tul kollha tiegħu, anke wara li jsir maġġorenni.

16. Il-konvenut jgħid ukoll li l-klawsola nvokata mill-attriċi kienet tapplika biss fir-rigward tal-apprendistat tiegħu, għaliex l-impjieg tiegħu mal-attriċi ma kienx irregolat bis-saħħa tal-kuntratt ta' Mejju 2001, liema kuntratt skont il-konvenut kien jirregola biss l-istadju ta' apprendistat. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Eżami ta' dan il-kuntratt juri li l-ftehim kien intiż sabiex jirregola mhux biss l-apprendistat tal-konvenut iżda wkoll l-eventwali mpjieg tiegħu wara li jispiċċa l-kors li kien qiegħed jattendi. It-tieni klawsola tal-kuntratt filfatt tipprovdi: "*On successful completion of the course: (a) In lieu of this sponsorship, the employee is bound to remain in employment with the company for a minimum period of two years. These years will commence following the completion of the*

*sponsorship. Once the student completes his course of studies, the Company accepts to employ the employee on a full time basis as a Technician for Cutrico Services Ltd. Throughout his employment the employee is expected to be flexible at all times."* Din il-klawsola mbagħad tkompli billi tirregola r-remunerazzjoni u s-siegħat ta' xogħol tal-konvenut bħala mpjegat tal-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk huwa ċar li l-kuntratt tal-25 ta' Mejju, 2001, kien intiż sabiex jirregola kemm l-apprendistat tal-konvenut u kif ukoll l-eventwali mpjieg tiegħu fi tmiem l-apprendistat.

17. Sorvolati l-eċċezzjonijiet prelimanari tal-konvenut, jonqos issa li jiġi eżaminat il-mertu tal-kawża odjerna. L-attriċi ssostni li l-konvenut kiser l-obbligi kuntrattwali assunti minnu fil-klawsola numru 7 tal-kuntratt tal-25 ta' Mejju, 2001, billi għamel xogħol għal klijent tagħha, meta dak il-klijent kien għadu ma ħallasx dak kollu dovut lilha, b'mod li hija ġiet preġudikata minħabba dan l-aġir tal-konvenut. Il-konvenut min-naħa tiegħu jsostni li huwa m'għamel xejn li huwa projbit mill-klawsola numru 7, lil dan il-klijent, u li fi kwalunkwe każ huwa ma kkawża l-ebda dannu lill-attriċi.

18. Il-klawsola numru 7 invokata mill-attriċi tipprovdi hekk:

> "*The employee shall not during the continuance of this agreement or for a period of two years after the termination of his employment hereunder for whatsoever reason, either on his own account, or for any other person, firm or company solicit or interfere with or endeavour to entice away from the Company any person, firm or Company who at any time during the period of two years immediately preceding the date*

> *of termination of his employment were customers or in the habit of dealing with the Company. Should the employee be in breach of this clause, he shall be liable to a penalty equivalent to one year's salary based on the higher or either his salary at the time or else his salary during the first year of full time employment with the company following the successful completion of his Air-condition and Refrigeration Certificate."*

19. Mhuwiex kontestat li ċirka tmien xhur wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut, huwa kien għamel xi xogħol għal ċertu Keith Busuttil. Mhuwiex kontestat ukoll li Keith Busuttil kien klijent regolari tal-attriċi. Il-konvenut isostni pero` li lil dan Keith Busuttil huwa ma kienx iltaqa' miegħu għall-ewwel darba waqt li kien impjegat mal-attriċi, iżda kien jafu minn qabel. Il-Qorti tosserva pero` li għalkemm il-konvenut xehed li huwa ħabib antik ta' Keith Busuttil u kienu jafu lil xulxin independentement mill-impjieg tiegħu mal-attriċi, Keith Busuttil xehed proprju l-kuntrarju ta' dan u qal li "Lill-intimat jiena sirt nafu meta kien jaħdem mas-soċjeta` rikorrenti" (*fol.* 42). Għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li Keith Busuttil mhux biss kien klijent regolari tal-attriċi, iżda wkoll li l-konvenut kellu relazzjoni professjonali miegħu waqt l-impjieg tiegħu mal-attriċi.

20. L-attriċi tgħid ukoll li l-konvenut kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu meta f'Jannar 2014 għamel kuntatt ma' Aspen Pumps, kumpanija Ngliża *supplier* tal-attriċi, sabiex jistaqsi jekk kienx possibbli li jakkwista prodotti mingħandha fuq bażi *wholesale.* Mill-provi jirriżulta filfatt li l-konvenut kien għamel kuntatt ma' Apsen Pumps u qalilhom hekk "*Hi, I have my*

*own company of installing/repairing etc. Of air-conditions* [*sic*] *and refrigeration equipment, however I am looking into opening a new shop that supplies air-conditioners and other related materials such as brackets, clips etc. Can I have your wholesaler price list and T&C?"* (*fol.* 65). Min-naħa tiegħu l-konvenut bl-ebda mod ma nnega li huwa kien fil-fatt għamel dan il-kuntatt ta' Aspen Pumps. Jirriżulta li meta rċievet din l-*email* mingħand il-konvenut Aspen Pumps kienet għamlet kuntatt mal-attriċi u talbitha biex tagħmel *follow-up* tal-*query* tiegħu, u kien proprju għalhekk li l-attriċi saret taf b'dak li kien għamel il-konvenut. Jirriżulta wkoll mix-xhieda mhux kontradetta ta' Gino Cutajar li l-konvenut kien jaf li Aspen Pumps kienet *supplier* tal-attriċi, u dan billi l-konvenut ġieli kien installa dawn il-prodotti waqt l-impjieg tiegħu magħha (*fol.* 47).

21. Il-konvenut jeċċepixxi li huwa m'għamel xejn li huwa projbit mill-klawsola numru 7 "cioe' – solicit or interfere with or endeavour to entice away from the Company any person, firm or company who at ..." Fil-fatt sallum stess Keith Busuttil għadu klijent tal-atturi." Fil-fehma tal-Qorti huwa minnu li l-aġir tal-konvenut la jikkawalifika bħala "*solicit[ing]"* u lanqas "*endeavour*[*ing*] *to entice away*" lil xi klijent jew persuna/entita` li magħha l-attriċi kienet issoltu tinnegozja.

22. Fir-rigward ta' Aspen Pumps, il-Qorti tqis illi l-aġir tal-konvenut lanqas jista' jikkwalifika bħala interferenza, peress li ma jirriżultax kif ir-

rikjesta tal-konvenut biex jixtri prodotti mingħand Aspen Pumps tista' tammonta għall-interferenza fir-relazzjoni kummerċjali bejn l-attriċi u Aspen Pumps, partikolarment ikkonsidrat li Aspen Pumps għaddiet din ir-rikjesta lill-attriċi stess. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-klawsola numru 7 ma tipprojbixxix lill-konvenut milli jaħdem fl-istess settur tal-attriċi jew ibiegħ l-istess prodotti, u għalhekk il-fatt li kien qiegħed jipprova jakkwista prodotti ta' Aspen Pumps *wholesale* sabiex imbagħad ikun jista' jbiegħhom mhuwiex projbit mill-klawsola msemmija.

23. Pero` l-Qorti tqis li l-aġir tal-konvenut ċertament jista' jikkwalifika bħala interferenza fir-rigward ta' Keith Busuttil. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien għamillu xi xogħol proprju għaliex l-attriċi kienet qalet lil Busuttil li ma setgħatx tmur tagħmel ix-xogħol rikjest minnu dakinhar, u għalhekk Busuttil kien irrikorra għand il-konvenut. Il-konvenut kien aċċetta li jagħmel ix-xogħol rikjest minn Busuttil, b'mod li meta l-attriċi bagħtet lill-impjegat tagħha xi jiem wara, l-impjegat tagħha kien sab li tnejn mit-tlett sistemi ta' *airconditioners* installati minnha kienu diġa` ġew *commissioned* mill-attur, u li t-tielet waħda ma kinitx ġiet *commissioned* sempliċiment għaliex kellha *part* bil-ħsara li kellha bżonn tinbidel.

24. Il-Qorti tkompli tosserva pero` li mill-provi jirriżulta li Keith Busuttil baqa' klijent tal-attriċi u ma kellu l-ebda intenzjoni li jieqaf milli jkun klijent tagħha meta talab lill-konvenut biex jagħmillu xi xogħol. Jirriżulta wkoll li

l-konvenut kien ben konsapevoli ta' dan, ikkonsidrat li Busuttil xehed li mhux biss il-konvenut ma pruvax jieħdu bħala klijent tiegħu minflok tas-soċjeta` attriċi iżda li dan kien proprju impossibbli għaliex l-attriċi hija l-aġent tal-apparat tal-arja kondizzjonata, ħaġa li l-konvenut ma kienx. Fil-fatt il-konvenut stess xehed li meta rriżultalu li wieħed mill-*units* kellu l-*motherboard* maħruqa, il-konvenut ma qabadx u biddel din il-*motherboard* bi profitt għalih, iżda rrefera lil Busutill għand l-attriċi stess. Jirriżulta wkoll li Busuttil kien qal lil konvenut li l-*commissioning* ta' dawn il-*units* kienet urġenti peress li l-proġett kien ser jiġi inawgurat mill-President ta' Malta u għalhekk kien hemm bżonn li s-sistema ta' arja kondizzjonata tkun taħdem. Ikkonsidrat li ma jirriżultax li kien hemm xi nċident ieħor fejn il-konvenut għamel xi xogħol għal xi klijent tal-attriċi, il-Qorti tqis verosimili li l-konvenut kien aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol għal Busuttil mhux biex jinterferixxi ma' klijent tal-attriċi u jieħdu għalih, iżda sempliċiment għamel pjaċir lil Busittil minħabba ċ-ċirkostanzi u l-urġenza tal-każ, filwaqt li almenu sad-data tax-xhieda tiegħu, u ċioe` l-25 ta' April, 2015, Busuttil kien għadu klijent tal-attriċi.

25. Fid-dawl ta' dan, u fid-dawl tal-fatt li assolutament ma rriżultatx li l-attriċi sofriet xi dannu a kawża tal-aġir tal-konvenut, il-Qorti tqis li l-inadempjenza kuntrattwali tal-konvenut hija insinjifikanti wisq biex tagħti lok għall-ħlas ta' penali rappreżentanti sena sħiħa ta' paga kif kontemplat fil-klawsola numru 7. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-

sentenza fl-ismijiet **Lorenza Spiteri et v. George Debono et** (PA, 07/07/2004) fejn intqal:

> "Veru li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt…iridu jigu rispettati, pero', dawn iridu jigu rispettati fis-sostanza taghhom, u jekk, fl-assjem, dawk il-kundizzjonijiet ikunu qed jigu rispettati, m'ghandux jinqala kaz fuq xi nuqqas li, bazikament, ma jnaqqas l-osservanza ta' dawk il-kundizzjonijiet."

26. Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti hija tal-fehma għalhekk li t-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. Tilqa' limitatament l-appell tal-attriċi u tirrevoka s-sentenza appellata;

ii. Tilqa' limitatament l-appell inċidentali tal-konvenut, u filwaqt tiċħad l-eċċezzjonijiet numru 2 u 4, tilqa' l-eċċezzjonijiet numru 6 u 9 tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti.

L-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ewwel istanza, għandhom jitħallsu in kwantu għal 75% mis-soċjeta` attriċi u in kwantu għal 25% mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da